## P6_TA(2008)0405

## L-evalwazzjoni tas-sanzjonijiet ta' l-UE bħala parti mill-azzjonijiet u l-politiki ta' l-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' Settembru 2008 dwar l-evalwazzjoni tas-sanzjonijiet ta' l-UE bħala parti mill-azzjonijiet u l-politiki ta' l-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem (2008/2031(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-konvenzjoniiet kollha tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protokolli fakultattivi taghom,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u ż-żewġ protokolli fakoltattivi tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u speċifikament l-Artikoli 1 u 25 u, fil-Kapitolu VII, l-Artikoli 39 u 41 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) u l-protokolli tagħha,

– wara li kkunsidra l-Karta ta’ Pariġi għal Ewropa ġdida (il-Karta ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra l-Att Aħħari ta' l-1975 tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (L-Att Aħħari ta’ Ħelsinki),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 6, 11, 13, 19, 21, 29 u 39 tat-Trattat ta’ l-Unjoni Ewropea (TEU) u l-Artikoli 60, 133, 296, 297, 301 u 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TEC),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet ta’ qabel dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja,

– wara li kkunsidra d-dibattiti preċedenti tiegħu u riżoluzzjonijiet urġenti tiegħu dwar każijiet ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u ta’ l-istat tad-dritt,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta’ l-20 ta’ Settembru 1996 dwar il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni tar-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiżi terzi[1]

– wara li kkunsidra l-obbligi internazzjonali tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri

[1] ĠU C 320, 28.10.1996, p. 261.

taghha, inkluzi dwak migbura fil-Ftehimiet tad-WTO,

– wara li kkunsidra l-Ftehima ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati mill-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa oħra, ffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-Ftehima Cotonou[1]), speċifikament, l-Artikoli 8, 9, 33, 96 u 98 tagħha u r-reviżjoni ta' dik il-ftehima[2],

– wara li kkunsidra d-dokument tal-Kunsill bl-isem 'Il-Ħolqien ta' formazzjoni ta' "Sanzjonijiet" tal-Grupp ta' ħidma tal-Konsulenti tar-Relazzjonijiet Esterni (RELEX/Sanctions) tat-22 ta' Jannar 2004 (5603/2004),

– wara li kkunsidra d-dokument tal-Kunsill bit-titolu 'Prinċipji Bażiċi dwar l-Użu ta' Miżuri Restrittivi (Sanzjonijiet)' tas-7 ta' Ġunju 2004 (10198/1/2004),

– wara li kkunsidra d-dokument tal-Kunsill bit-titolu 'Linjigwida dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' miżuri risterttivi (sanzjonijiet) fil-qafas tal-Politika Komuni ta' l-UE dwar il-Politika Barranija u s-Sigurtà', ta' l-Unjoni Ewropea, li ġiet riveduta l-aħħar fit-2 ta' Diċembru 2005 (15114/2005),

– wara li kkunsidra d-dokument tal-Kunsill li jismu 'l-Aħjar prattiċi ta' l-UE għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ristrettivi' tad-9 ta' Lulju 2007 (11679/2007),

– wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 96/697/CFSP dwar Kuba[3], adottata fit-2 ta' Diċembru 1996 mill-Kunsill,

– wara li kkunsidra l-Pożizzjonijiet Komuni tal-Kunsill 2001/930/CFSP dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[4] u 2001/931/CFSP dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu[5], it-tnejn tas-27 ta' Diċembru 2001, u r-Regolamemt tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri ristrettivi speċifiċi diretti lejn ċerti persuni u entitajiet bil-għan li tkompli l-ġlieda kontra t-terroriżmu[6],

– wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2002/402/CFSP dwar miżuri ristrettivi kontra Usama bin Laden, membri ta' l-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Taliban u individwi, gruppi, intrapriżi u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom[7], u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti możuri ristrettivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u enititajiet marbuta ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' l-Al-Qaida u t-Taliban[8], it-tnejn tas-27 ta' Mejju 2002,

– wara li kkunsidra l-Lista Militari Komuni ta' l-Unjoni Ewropea[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-25 ta' April 2002 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-

---

1 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
2 ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.
3 ĠU L 322, 12.12.1996, p. 1.
4 ĠU L 344, 28.12.2001, p. 90.
5 ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.
6 ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.
7 ĠU L 139, 29.5.2002, p. 4.
8 ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.
9 ĠU C 98, 18.4.2008, p. 1.

promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-proċess ta' demokratizzazzjoni f'pajjiżi terzi[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Frar 2006 dwar il-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fil-ftehimiet ta' l-Unjoni Ewropea[2],

– wara li kkunsidra l-ftehimiet kollha konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi u l-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'dawn il-ftehimiet,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ottubru 1982 dwar is-sinifikat ta' sanzjonijiet ekonomiċi, partikolarment embargi u bojkott fuq kummerċ, u l-konsegwenza tagħhom fuq ir-relazzjonijiet tal-KEE ma' pajjiżi terzi[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni dwar l-impatt ta' sanzjonijiet u. b'mod partikolari, ta' embargi fuq iċ-ċittadini ta 'pajjiżi li fuqhom ġew imposti[4] miżuri ristrettivi, adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE fl-1 ta' Novembru 2001 fi Brussell (il-Belġju),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2007 dwar l-iffunzjonar ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi[5],

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1597 (2008) u r-Rakkomandazzjoni 1824 (2008) dwar il-listi s-suwed tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' l-Unjoni Ewropea, adottata mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa fit-23 ta' Jannar 2008,

– wara li kkunsidra t-Trattat ta' Liżbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ffirmat f'Liżbona, fit-13 ta' Diċembru 2007, li mistenni jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0309/2008),

A. billi l-Artikolu 11(1) tat-TEU jirrikonoxxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem bħala wieħed mill-objettivi tal-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranini u s-Sigurtà, u billi l-Artikolu 21 il-ġdid tat-TEU, kif introdott mill-Artikolu 1(24) tat-Trattat ta' Liżbona, jirrikonoxxi li 'l-azzjonijiet ta' l-Unjoni fix-xena internazzjonali għandhom ikunu ggwidti mill-prinċpji li wasslu għall-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha stess, u li hi tipprova tippromwovi madwar id-dinja: id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji ta' l-ugwaljanza u s-solidarjetà u r-rispett lejn il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-liġi internazzjonali',

B. billi s-sanzjonijiet huma applikati sabiex jintlaħqu objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 11 tat-TEU, li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, promozzjoni tar-rispett għad-

[1] ĠU C 131 E, 5.6.2003, p. 147.
[2] ĠU C 290 E, 29.11.2006, p. 107.
[3] ĠU C 292, 8.11.1982, p. 13.
[4] ĠU C 78, 2.4.2002, p. 32.
[5] ĠU C 187 E, 24.7.2008, p. 214.

drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-tmexxija tajba,

C. billi l-Prinċipji Bażiċi dwar l-Użu ta' Miżuri Restrittivi (Sanzjonijiet) fuq imsemmija huma l-ewwel dokument pragmatiku li jiddefinixxi l-qafas li fi ħdanu l-UE timponi s-sanzjonijiet; billi, madankollu, l-UE ilha tagħmel hekk mill-bidu tas-snin tmenin u b'mod partikulari, wara d-dħul fis-seħħ tat-TEU fl-1993; billi dan id-dokument formalment jistabbilixxi sanzjonijiet bħala strument tas-CFSP u, bħala riżultat, jirrappreżenta punt ta' tluq għal politika ta' l-UE dwar is-sanzjonijiet,

D. billi din il-politika ta' sanzjonijet hija bbażata fuq il-ħames objettivi li ġejjin fi ħdan is-CFSP: biex ikunu ssalvagwardjati l-valuri komuni, l-interessi fundamentali, l-indipendenza u l-integrità ta' l-Unjoni f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; biex tissaħħaħ is-sigurtà ta' l-Unjoni b'kull mod; biex tinżamm il-paċi u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Att Finali ta' Ħelsinki, kif ukoll l-objettivi tal-Karta ta' Pariġi, inklużi dawk tal-fruntieri esterni; biex tiġi promossa l-koperazzjoni internazzjonali; biex tiġi żviluppata u kkonsolidata d-demokrazija u l-istat ta' dritt kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali,

E. billi l-kunsens internazzjonali qed jikber li ħsara serja u volontarja kkawżata lill-ambjent thedded il-paċi u s-sigurtà tad-dinja u tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-bniedem,

F. billi l-UE hija mpenjata għall-implimentazzjoni sistematika ta' sanzjonijiet deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti skond il-Kapitolu VII tal-Karta tan-NU u fl-istess waqt timponi sanzjonijiet awtonomi fl-assenza ta' mandate tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, f'każi fejn il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ma jkollux is-setgħa li jieħu azzjoni jew ikun imċaħħad milli jagħmel dan minħabba nuqqas ta' ftehim fost il-membri tiegħu; jisħaq, f'dan ir-rigward, l-obbligu li kemm in-NU u kif ukoll l-UE għandhom li jimponu sanzjonijiet bi qbil mal-liġi internazzjonali,

G. billi l-politika tas-sanzjonijiet ta' l-UE għalhekk tinkorpora jew timxi fuq is-sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, iżda l-ambitu u l-objettivi tagħha huma usa' minn dawk tal-politika tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (il-paċi u s-sigurtà internazzjonali),

H. billi s-sanzjonijiet huma wieħed mill-istrumenti li l-UE jista' tuża biex timplimenta l-politika tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li l-użu tas-sanzjonijiet għandu jkun l-aħħar tentattiv, fil-lista ta' prijoritajiet, biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi tas-CFSP u għandu jkun konsistenti ma' l-istrateġija ġenerali ta' l-Unjoni fil-qasam ikkonċernat, billi l-effikaċja tas-sanzjonijiet tiddependi mill-applikazzjoni simultanja tagħhom mill-Istati Membri kollha,

I. billi ma hemm ebda definizzjoni ta' awtorità ta' x'inhi sanzjoni, skont il-liġi internazzjonali jew il-liġi tal-UE/KE; billi madankollu, fi ħdan il-qafas tas-CFSP, sanzjonijiet jew miżuri restrittivi huma meqjusa bħala miżuri li jinterrompu jew inaqqsu r-relazzjonijiet diplomatiċi jew ekonomiċi kollha, jew xi parti minnhom, ma' xi pajjiż terz, wieħed jew aktar minn wieħed, u jippruvaw jiksbu bidla f'ċerti attivitajiet jew politiki, bħal vjolazzjonijiet tal-liġi internazzjonali jew tad-drittijiet tal-bniedem, jew politiki li ma jirrispettawx l-istat tad-dritt jew il-prinċipji demokratici minn gvernijiet ta' pajjiżi terzi, entitajiet mhux statali jew persuni ġuridiċi u legali,

J. billi t-tipi ta' miżuri ristrettivi jinkludu varjetà ta' miżuri bħal embargi ta' l-armi, restrizzjonijiet kummerċjali, sanzjonijiet finanzjari/ekonomiċi, iffriżar ta' assi, projbizzjoni ta' titjir, restrizzjonijiet għad-dħul f'pajjiż, sanzjonijiet diplomatiċi, bojkotts ta' avvenimenti sportivi jew kulturali, l-iġġammjar ta' stazzjonijiet tar-radju jew tat-televiżjoni u sospensjoni ta' koperazzjoni ma' pajjiż terz,

K. billi, b'konformità mal-prattika ġenerali l-UE, din ir-riżoluzzjoni ma tagħmel ebda distinzjoni bejn it-termini 'sanzjonijiet u 'miżuri ristrettivi'; billi din ir-riżoluzzjoni tiddefinixxi mill-ġdid il-miżuri xierqa li jinsabu fl-Artikolu 96 tal-Ftehima Cotonou[1],

L. billi s-sanzjonijiet infushom ta' l-UE huma bbażati fuq għadd ta' bażijiet legali li jiddependu min-natura speċifika tal-miżuri restrittivi u n-natura legali tar-relazzjonijiet mal-pajjiż terz konċernat, kif ukoll mis-setturi u l-objettivi kkonċernati; billi dawn il-fatturi jiddeterminaw kemm il-proċedura għall-adozzjoni tas-sanzjonijiet - li bosta drabi, għalkemm mhux dejjem, tkun teħtieġ Pożizzjoni Komuni tas-CFSP u għalhekk l-unanimità fil-Kunsill - kif ukoll il-proċedura leġiżlattiva li trid tiġi segwita sabiex tagħmel is-sanzjonijiet legalment vinkolanti u infurzabbli, billi l-proċedura komuni hija dik stipulata fl-Artikolu 301 tat-Trattat KE,

M. billi l-projbizzjoni tal-viża u l-embargi fuq l-armi saru l-aktar sanzjonijiet komuni imposti fi ħdan is-CFSP u huma wieħed mill-ewwel passi fis-sekwenza ta' sanzjonijiet ta' l-UE; billi dawn iż-żewġ tipi ta' miżuri huma l-uniċi miżuri implimentati direttament mill-Istati

---

[1] L-Artikolu 96 tal-Ftehima ta' Cotonou tat-23 ta' Ġunju 2000 jaqra kif ġej (test mhux disponibbli bil-Malti): "Essential elements: consultation procedure and appropriate measures as regards human rights, democratic principles and the rule of law

1. Within the meaning of this Article, the term "Party" refers to the Community and the Member States of the European Union, of the one part, and each ACP State, of the other part.

2.(a) If, despite the political dialogue conducted regularly between the Parties, a Party considers that the other Party has failed to fulfil an obligation stemming from respect for human rights, democratic principles and the rule of law referred to in paragraph 2 of Article 9, it shall, except in cases of special urgency, supply the other Party and the Council of Ministers with the relevant information required for a thorough examination of the situation with a view to seeking a solution acceptable to the Parties. To this end, it shall invite the other Party to hold consultations that focus on the measures taken or to be taken by the party concerned to remedy the situation.
The consultations shall be conducted at the level and in the form considered most appropriate for finding a solution. The consultations shall begin no later than 15 days after the invitation and shall continue for a period established by mutual agreement, depending on the nature and gravity of the violation. In any case, the consultations shall last no longer than 60 days.
If the consultations do not lead to a solution acceptable to both Parties, if consultation is refused, or in cases of special urgency, appropriate measures may be taken. These measures shall be revoked as soon as the reasons for taking them have disappeared.

(b) The term "cases of special urgency" shall refer to exceptional cases of particularly serious and flagrant violation of one of the essential elements referred to in paragraph 2 of Article 9, that require an immediate reaction. The Party resorting to the special urgency procedure shall inform the other Party and the Council of Ministers separately of the fact unless it does not have time to do so.

(c) The "appropriate measures" referred to in this Article are measures taken in accordance with international law, and proportional to the violation. In the selection of these measures, priority must be given to those which least disrupt the application of this agreement. It is understood that suspension would be a measure of last resort.
If measures are taken in cases of special urgency, they shall be immediately notified to the other Party and the Council of Ministers. At the request of the Party concerned, consultations may then be called in order to examine the situation thoroughly and, if possible, find solutions. These consultations shall be conducted according to the arrangements set out in the second and third subparagraphs of paragraph (a)."

Membri minħabba l-fatt li ma jirrikjedux leġiżlazzjoni dwar sanzjonijiet speċifiċi fi ħdan it-Trattat KE; billi, min-naħa l-oħra, is-sanzjonijiet finanzjarji (l-iffriżar ta' l-assi) u s-sanzjonijiet kummerċjali jirrikjedu l-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni dwar sanzjonijiet speċifiċi,

N. billi, skont il-prinċipji bażiċi dwar l-użu ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) fuq imsemmija u skont il-linji gwida dwar is-suġġett, sanzjonijiet immirati jistgħu ikunu aktar effettivi minn sanzjonijiet aktar ġenerali, u huma għaldaqstant preferibbli, l-ewwel nett għaliex jevitaw konsegwenzi negattivi għal porzjon akbar tal-popolazzjoni u, t-tieni nett, għaliex jaffettwaw direttament lin-nies responsabbli u għaldaqstant ikollhom aktar ċans li jwasslu għall-bdil fil-politika segwita minn dawk in-nies,

O. ir-rikonoxximent ta’ l-eżistenza ta’ miżuri li, filwaqt li huma adottati mill-Kunsill fil-Konklużjoni tal-Presidenza, mhumiex imsejħa ‘sanzjonijiet’ u huma differenti, fl-istess waqt, mill-miżuri risterttivi l-oħrajn elenkati bħala għodda tas-CFSP,

P. billi r-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u l-pajjiżi terzi spiss huma rregolati minn ftehimiet settorjali bilaterali u multi laterali li l-UE hija mitluba tirrispetta waqt lit kun qed tapplika s-sanzjonijiet; billi, fejn ikun jenħtieġ, l-UE għandha għalhekk tissospendi u tiċħad il-ftehima rilevanti qabel ma tapplika sanzjonijiet eknomiċi li mhumiex kompatibbli mad-drittijiet mogħtija lill-pajjiż terz inkwistjoni permezz ta’ ftehima eżistenti,

Q. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u pajjiżi terzi huma bosta drabi regolati minn ftehimiet bilaterali jew multilaterali li jippermettu lil waħda mill-partijiet biex tieħu l-miżuri xierqa f'każijiet ta' vjolazzjoni mill-parti l-oħra ta' element essenzjali tal-ftehima, bħar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-liġi internazzjonali, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt (klawsola tad-drittijiet tal-bniedem), bil-Ftehima ta' Cotonou tkun eżempju prominenti ta' dan,

R. billi l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri ristrettivi għandhom jikkonformaw mad-drittijiet tal-bniedem u mal-liġi umanitarja internazzjonali, inkluż proċess adattat u d-dritt għal rimedju effettiv, kif ukoll proporzjonalità, u għandha tipprovdi għall-eżenzjonijiet xierqa sabiex tqis il-ħtiġijiet umani bażiċi tal-persuni fil-mira, bħal aċess għall-edukazzjoni primarja, aċċess għal ilma tax-xorb u aċċess għal kura medika bażika inkluża mediċina bażika; billi politika ta' sanzjonijiet trid tikkunsidra b'mod sħiħ l-istandards stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra, fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Politiċi, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet tan-NU li jikkonċernaw il-ħarsien taċ-ċivili u tat-tfal fil-kunflitti bl-armi,

S. billi il-kredibilità ta' l-UE u ta' l-Istati Membri individwali tagħha tkun kompromessa meta is-sanzjonijiet ta' l-UE jidhru li jkunu qed jinkisru, u billi Robert Mugabe ġie mistieden għal-Lqagħa Għolja bejn l-UE u l-Afrika bejn it-8 u d-9 ta’ Diċembru 2007 minkejja li kien formalment ipprojbit li jidħol fi kwalunkwe territorju ta’ l-Istati membri ta’ l-UE skond il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/161/CFSP tad-19 ta’ Frar 2004 li ġġedded miżuri ristrettivi kontra ż-Żimbabwe kif estiża[1] l-aktar riċenti mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/135/CFSP tat-18 ta’ Frar 2008[2],

---

[1] ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.
[2] ĠU L 43, 19.2.2008, p. 39.

*Kunsiderazzjonijiet Ġenerali bil-għan li l-UE jkollha politika effettiva dwar sanzjonijiet*

1. Jiddeplora l-fatt li s'issa għadhom ma saru ebda evalwazzjoni jew studju ta' l-impatt tal-politika ta' l-UE dwar is-sanzjonijiet u għalhekk huwa diffiċli ħafna li jitkejlu l-effetti u l-effikaċja tagħhom b'mod prattiku u li wieħed jasal għall-konklużjonijiet meħtieġa; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu dan ix-xogħol ta' evalwazzjoni; jikkunsidra, madankollu, li l-politika tas-sanzjonijiet użata kontra l-Afrika ta' Isfel kienet effettiva sabiex tgħin ittemm l-apartheid;

2. Iqis li d-differenzi fil-bażijiet legali għall-implimentazzjoni tal-politika dwar is-sanzjonijiet ta' l-UE, li jinvolvu proċeduri differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, implimentazzjoni differenti u livelli ta' superviżjoni differenti, qed idgħajfu t-trasparenza u l-koerenza tal-politika ta' l-UE dwar is-sanzjonijiet u, b'riżultat ta' dan, il-kredibilità tagħha;

3. Iqis li sabiex is-sanzjonijiet ikunu effettivi l-introduzzjoni tagħhom għandha tidher li hija leġittima fl-opinjoni pubblika, kemm dik Ewropea kif ukoll dik internazzjonali, u wkoll fil-pajjiżi fejn huma mistennija li jsiru l-bidliet; jisħaq li konsultazzjoni mal-Parlament waqt il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħtihom aktar leġittimità;

4. Jinnota wkoll li s-sanzjonijiet jista' jkollhom valur simboliku bħala espressjoni ta' kundanna morali mill-UE u b'hekk jikkontribwixxu biex isaħħu l-viżibilità u l-kredibilità tal-politika barranija ta' l-UE; iwissi, madankollu, sabiex ma ssirx wisq enfażi fuq l-idea tas-sanzjonijiet bħala miżuri simboliċi, minħabba li dan jista' jwassal sabiex jitnaqqas totalment il-valur tagħhom;

5. Iqis li r-rikors għas-sanzjonijiet għandu jiġi kkunsidrat fil-każ ta' azzjonijiet minn awtoritajiet jew entitajiet mhux statali jew persuni fiżiċi u legali li jagħmlu ħsara serja għas-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem jew fejn possibiltajiet oħra kuntrattwali u/jew diplomatiċi ġew imfittxija jew ma jkunux jistgħu jitkomplew, minħabba azzjonijiet ta' partijiet terzi;

6. Huwa tal-fehma li kull degradazzjoni volontarja u irriversibbli ta' l-ambjent tikkostitwixxi theddida għas-sigurtà, kif ukoll vjolazzjoni serja tad-drittijiet tal-bniedem; għalhekk, jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinkludu kwalunkwe ħsara volontarja u irriversibbli għall-ambjent bħala mottiv li jista' jwassal għall-adozzjoni ta' sanzjonijiet;

7. Jirrikonoxxi li l-istrumenti ġenerali ta' sanzjonijiet ta' l-UE huma ġeneralment użati b'mod flessibbli skond il-ħtieġa fuq bażi ta' kull każ għalih; madankollu jiddeplora l-fatt li bosta drabi l-UE applikat il-politika għas-sanzjonijiet tagħha b'mod inkonsistenti billi ttrattat b'mod differenti pajjiżi terzi minkejja li r-rekord tagħhom rigward id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huwa l-istess, u b'hekk qed tagħti lok għal kritika li hija qiegħda tapplika standards differenti;

8. Jemmen li, f'dan ir-rigward, l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' sanzjonijiet min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ksur ta' drittijiet ta' bniedem, għandhom bħala prinċipju jkunu aktar dominanti fuq il-ħsara li tirriżulta mill-applikazzjoni tagħhom fl-interessi ta' l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha;

9. Jiddispjaċih li n-nuqqas ta' qbil fl-Unjoni Ewropea dwar il-politika li għandha tiġi applikata fir-rigward ta' ċerti pajjiżi, bħal Kuba, jew ir-riluttanza tal-Istati Membri biex

ifixklu lill-imsieħba kummerċjali kbar bħar-Russja, wasslu sabiex l-Unjoni tadotta biss "sanzjonijiet informali" fil-konklużjonijiet tal-Presidenza, li jwasslu għall-applikazzjoni żbilanċjata jew inkoerenti tas-sanzjonijiet tal-Unjoni; jirrikonoxxi madankollu li l-miżuri li jidhru fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, bħar-rapport tal-iffirmar tal-ftehimiet ma' ċerti pajjiżi, bħas-Serbja, jistgħu jagħmlu pressjoni effettiva fuq il-pajjiżi terzi sabiex dawn jikkolaboraw bi sħiħ mal-mekkaniżmi internazzjonali;

10. ifakkar li, f'dak li jikkonċerna lil Kuba, il-pożizzjoni komuni li ġiet adottata fl-1996, li ġiet mġedda kull tant żmien, tirrifletti l-pjan għal transizzjoni paċifika lejn id-demokrazija, għadha fis-seħħ bis-sħiħ u ma hi suġġett ta' ebda kontroversja fl-istituzzjonijiet Ewropej; jisgħobbih li, sal-lum, ma kien hemm ebda titjib sinifikattiv f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem; jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2008 biex jitneħħew is-sanzjonijiet informali li jirrigwardjaw lil Kuba, filwaqt li sejjħet għall-ħelsien minnufih u bla kondizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha, li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ħabsijiet u li jiġi rratifikat u implimentat il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi; jinnota li l-Kunsill se jiddeċiedi fi żmieni sena jekk huwiex se jkompli bid-djalogu politiku ma' Kuba, skond jekk ikunx hemm jew le titjib sinifikanti fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li l-pożizzjoni tal-Kunsill hija waħda li torbot fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-djalogu kemm mal-awtoritajiet Kubani kif ukoll mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; itenni l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tar-rebbieħa tal-premju Sakharov Oswaldo Payá Sardiñas u l-grupp magħruf bħala "Damas de Blanco" ("Nisa bl-Abjad");

11. Iqis li l-argument ta' l-'ineffettività' tas-sanzjonijiet ma tistax tintuża bħala argument favur li dawn jitwaqqfu u li minflok għandha tintuża għar-rijorjentament u l-evalwazzjoni mill-ġdid tas-sanzjoni nnfisiha; barra minn hekk, huwa tal-fehma li t-tkomplija jew le tas-sanzjonijiet għandha tiddependi biss minn jekk l-objettivi ġewx milħuqa jew le u jqis li t-tip ta' dawn is-sanzjonijiet jista' jisaħħaħ jew jinbidel fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tagħhom; iqis li għal dan il-għan, is-sanzjonijiet għandhom dejjem ikunu akkumpanjati minn parametri ċari;

12. Iqis li l-effettività tas-sanzjonijiet għandha tiġi analizzata f'bosta livelli, kemm fil-livell ta' l-effettività intrinsika tal-miżuri, jiġifieri l-kapaċità tagħhom li jħallu impatt fuq l-attivitajiet privati jew professjonali tal-persuni li għandhom l-iskop li jolqtu, kif ukoll fuq membri tar-reġim li jrid jintlaqat, jew fuq l-operat tiegħu, u wkoll fil-livell ta' l-effettività politika tagħhom, jiġifieri kemm huma kapaċi jwaqqfu jew jibdlu l-attivitajiet jew il-politiki li kienu l-kawża li ġew adottati;

13. Jemmen li l-effettività ta' sanzjoni tiddependi fuq il-kapaċità ta' l-Unjoni li żżommha għall-perjodu sħiħ u, f'dan ir-rigward, jiddeplora l-użu ta' dispożizzjonijiet bħall-klawżoli 'sunset' li jinvolvu t-tmiem awtomatiku tas-sanzjonijiet;

14. Jopponi l-applikazzjoni f'kull ċirkostanza, ta' sanzjonijiet ġeneralizzati u indiskriminatorji fil-konfront ta' kwalunkwe pajjiż, billi dan l-approċċ *de facto* jwassal għall-iżolament total ital-popolazzjoni; iqis li, sakmm ma jiġux ikkoordinati ma' strumenti politiċi oħra, is-sanzjonijiet ekonomiċi jista' jkollhom suċċess biss b'diffikultà kbira fl-iffaċilitar ta' riforma politika fi ħdan ir-reġim ikkonċernat; għalhekk jinsisti li kwalunkwe sanzjoni imposta fuq awtoritajiet governattivi għandha tkun akkumpanjata sistematikament minn appoġġ għas-soċjetà ċivili tal-pajjiż ikkonċernat;

***Is-sanzjonijiet bħala parti mill-istrateġija ġenerali***

15. Jiġbed l-attenzjoni li l-biċċa l-kbira tas-sanzjonijiet ta' l-UE qed jiġu imposti minħabba tħassib dwar is-sigurtà; jenfasizza madanakollu li ksur tad-drittijiet tal-bniedem għandu jikkostitwixxi bażi suffiċjenti għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet minħabba li jirrapreżenta wkoll theddida għas-sigurtà u l-istabilità;

16. Jiġbed l-attenzjoni li l-iskop ewlieni tas-sanzjonijiet huwa li jwassal għal bidla tal-politika jew ta' l-attivitajiet skond l-objettivi tal-Pożizzjoni Komuni tas-CFSP jew skond il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill jew id-deċiżjoni internazzjonali li fuqha huma bbażati s-sanzjonijiet;

17. Jinsisti fuq il-fatt li l-Kunsill, billi jadotta l-Prinċipji Bażiċi msemmija hawn fuq dwar l-Użu ta' Misuri Ristrettivi (Sanzjonijiet), impenja ruħu li juża sanzjonijiet bħala parti minn approċċ politiku komprensiva u integrata; jenfasizza li f'dan ir-rigward, li dan l-approċċ fl-istess ħin jinkludi djalogu politiku, inċentivi u kundizzjonalità u jista' jinvolvi wkoll, jekk ma jkunx hemm għażla oħra, l-użu ta' miżuri koersivi, kif stabbiliti fil-Prinċipji Basiċi; iqis li d-drittijiet tal-bniedem u l-klawsoli tad-demokrazija, is-sistemi ta' preferenzi ġeneralizzati u l-għajnuna għall-iżvilupp għandhom jintużaw bħala għodod ta' dan l-approċċ politiku komprensiv u integrat;

18. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem ma tistax titqies bħala awtonoma jew bħala sanzjoni unilaterali ta' l-UE minħabba li toħroġ direttament mill-ftehima bilaterali jew multilaterali li tistabblixxi impenn reċiproku għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; iqis li l-miżuri xierqa li ttieħdu b'konformità ma' din il-klawsola jikkonċernaw biss l-implimentazzjoni tal-ftehima kkonċernata billi kull parti ngħatat il-bażi legali għas-sospensjoni jew l-annullament tal-ftehima; iqis għalhekk, li l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u s-sanzjonijiet awtonomi jew unilaterali neċessarjament jikkomplementaw lil xulxin;

19. Għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni sistematika tal-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u jinsisti dwar l-inkorporazzjoni ta' mekkaniżmu ta' implimentazzjoni speċifiku fil-ftehimiet bilaterali ġodda kollha ffirmati ma' pajjiżi terzi, inklużi ftehimiet dwar setturi speċifiċi; ifakkar, f'dan ir-rigward, l-importanza tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa bil-għan li jwasslu għal implimentazzjoni iktar effettiva u sistematika tal-klawsola, jiġifieri l-ifformolar ta'-objettivi u ta' kriterji ta' riferenza u ta' evalwazzjoni regolari, u jtenni t-talba tiegħu sabiex il-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem jiġu implimentati permezz ta' proċedura aktartrasparenti ta' konsultazzjoni bejn il-partijiet, inklużi il-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili, li ssemmi il-mekkaniżmi politikċi u legali li għandhom jintuża fil-każ ta' talba għas-sospensjoni ta' kooperazzjoni bilaterali fuq il-bażi ta' ksur ripetut u/jew sistematiku tal-liġi internazzjonali; jagħti l-appoġġ tiegħu għall-mudell ta' proċedura stabbilit bil-Ftehima ta' Cotonou bħala reazzjoni għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, tal-prinċipji demokratiċi, u ta' l-istat tad-dritt; jemmen li s-sistema ta' djalogu politiku intensiv (l-Artikolu 8 tal-Ftehima ta' Cotonou) u ta' konsultazzjonijiet (l-Artikolu 96 tal-Ftehima ta' Cotonou), qabel u wara l-adozzjoni tal-miżuri adattati, f'bosta każijiet serviet ta' strument li rnexxa biex titjieb is-sitwazzjoni attwali;

20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ma jipproponux ftehimiet ta' kummerċ ħieles u/jew ta' assoċjazzjoni - anki bi klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem - lil gvernijiet ta' pajjiżi fejn hemm għadd kbir ħafna ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, skond ir-rapporti ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti;

21. Iqis li n-nuqqas ta' miżuri xierqa u restrittivi fil-każ ta' sitwazzjoni kkaratterizzata minn ksur persistenti tad-drittijiet tal-bniedem idgħajjef b'mod serju l-istrateġija dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-politika ta' sanzjonijiet u l-kredibilità ta' l-Unjoni;

22. Iqis li politika tas-sanzjonijiet tkun iktar effettiva meta tkun tifforma parti minn strateġija soda tad-drittijiet tal-bniedem; jerġa' jtenni t-talba tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw strateġija speċifika dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar is-sitwazzjoni fil-qasam tad-demokrazijaf'kull dokument strateġiku ta' kull pajjiż u f'kull dokument ieħor ta' l-istess natura;

23. Iqis li fil-każ ta' l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet, id-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem għandhom neċessarjament u sistematikament jinkludu diskussjonijiet dwar il-progress li jkun sar għall-kisba ta' l-objettivi u l-kriterji ta' riferenza (benchmarks) stabbiliti fiż-żmien ta' l-adozzjoni tal-miżuri ristrettivi; iqis, fl-istess waqt, li l-objettivi miksuba fid-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem m'għandhom f'ebda ċirkustanza jieħdu post il-kisba ta' l-objettivi li fuqhom jibbażaw is-sanzjonijiet;

*Azzjoni kkoordinata mill-komunità internazzjonali*

24. Huwa tal-opinjoni li azzjoni koordinata mill-komunità internazzjonali għandha impatt iktar qawwi milli azzjonijiet individwali u mhux ugwali bejn l-Istati jew bejn entitajiet reġjonali; għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-politika ta' sanzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkompli tiddependi fuq il-preferenza għas-sistema tan-NU;

25. Jistieden lill-Kunsill, fin-nuqqas ta' sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, biex jikkopera ma' l-Istati mhux fl-UE li qed japplikaw sanzjonijiet, biex jaqsmu l-informazzjoni, u biex jikkoordinaw is-sanzjonijiet tagħhom fuq livell internazzjonali biex jevitaw l-evażjoni ta' sanzjonijiet u biex jimmassimizzaw l-effettività u l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet ta' l-UE u ta' oħrajn;

26. Iqis li l-UE għandha tfittex koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra, bħall-Unjoni Afrikana u l-Assoċjazzjoni ta' Nazzjonijiet tax-Xlokk ta' l-Asja (ASEAN), għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u biex tiżgura kordinazzjoni ta' l-azzjonijiet dwar is-sanzjonijiet;

27. Jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tiżviluppa b'mod sistematiku djalogu ma' l-Istati li ma japplikawx is-sanzjonijiet, bi l-għan li tintlaħaq pożizzjoni komuni dwar il-miżuri ristrettivi, b'mod partikolari fuq livell reġjonali; jiġbed l-attenzjoni li bħal ma wriet is-sitwazzjoni fil-Burma/Myanmar, is-sanzjonijiet ta' sikwiet ma jwasslux għat-tibdil politiku jew għat- tibdil fl-attivitajiet li tant huma meħtieġa meta l-Komunità internazzjonali tkun maqsuma u meta l-parteċipanti ewlenin tal-Komunità ma jipparteċipawx fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet;

28. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex sitematikament jinkludu fl-aġenda għal djalogi politiki ma' stati li jipparteċipaw fis-sanzjonijiet il-kwistjoni ta' l-irwol tagħhom fil-konfront tar-reġim jew tal-parteċipanti li mhumiex parti mill-istat, sew jekk individwi, organizzazzjonijiet jew inkella kumpaniji;

29. Iqis li l-prospett ta' l-iffirmar ta' ftehima ta' kummerċ ħieles mar-reġjuni li fihom jinsab pajjiż li huwa l-mira għandu jintuża bħala 'karrotta' u mezz ta' pressjoni u li ftehima bħal

din għandha, fi kwalunkwe każ, teskludi l-pajjiż li fil-konfront tiegħu qed jiġau applikati sanzjonijiet;

***Il-ħolqien ta' proċessi ċari għat- teħid ta' deċiżjonijiet, ta' objettivi, ta' kriterji ta' referenza u ta' mekkaniżmi ta' evalwazzjoni***

30. Jenfasizza l-bżonn ta' analiżi profonda ta' kull sitwazzjoni speċifika qabel l-adozzjoni ta' sanzjonijiet, sabiex ikun evalwat l-impatt potenzjali ta' sanzjonijiet differenti u biex ikun determinat liema huma s-sanzjonijiet l-iktar effettivi fl-isfond tal-fatturi l-oħra kollha u ta' l-esperjenzi komparabbli; iqis li analiżi bħal din tkun iktar iġġustifikata minħabba li huwa diffiċli li wieħed imur lura la darba l-proċess ta' sanzjonijiet inkun inbeda mingħajr ma ssir ħsara la għall-kredibilità ta' l-UE u lanqas għat-turija ta' appoġġ li l-UE għandha tagħti lill-popolazzjoni tal-pajjiż terz ikkonernat, b'kunsiderazzjoni għall-possibilità għall-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż biex jimplimentaw id-deċiżjoni ta' l-UE; f'dan ir-rigward jinnota l-prattika attwali li fi ħdanhom l-adegwatezza, in-natura u l-effettività tas-sanzjonijiet proposti jiġu diskussi fil-Kunsill fuq il-bażi ta' evalwazzjoni mill-Kapijiet tal-Missjoni fil-pajjiż ikkonċernat, u jitlob l-inklużjoni ta' rapport ta' espert indipendenti f'din l-evalwazzjoni;

31. Madankollu, jenfasizza li din l-analiżi m'għandhiex tintuża biex iddawwen l-adozzjoni tas-sanzjonijiet; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-proċedura maqsuma f'żewġ partijiet għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet taħt is-CFSP tipprovdi ambitu għal reazzjoni politika urġenti, inizjalment permezz ta' l-adozzjoni ta' pożizzjoni komuni li għandha tiġi stabbilita wara analiżi iktar dettaljata tar-Regolament, fejn jiġu stabbiliti n-natura u l-ambitu eżatti tas-sanzjonijiet;

32. Jitlob li jkun hemm l-inklużjoni sistematika fl-istrumenti legali tal-kriterji ta' referenza ċari u preċiżi għat-tneħħija ta' sanzjonijiet; jinsisti, b'mod partikolari, li l-kriterji ta' referenza jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' evalwazzjoni indipendenti u li dawk il-kriterji m'għandhomx jinbdilu aktar tard minħabba bidliet politiki fil-Kunsill;

33. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iwettqu proċess eżemplari ta' evalwazzjoni tas-sanzjonijiet, proċess li speċjalment jistabbilixxi l-inklużjoni sistematika ta' klawsola ta' evalwazzjoni li timplika li l-iskema ta' sanzjonijiet tkun riveduta skond il-kriterji ta' referenza u wara li jivverifikaw jekk l-objettivi tas-sanzjonijiet ikunux intlaħqu; jinsisti fuq il-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni jew ir-rieda li jkunu stabbiliti proċeduri li jwasslu għal riżultati pożittivi – bħad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem – għandhom jintlaqgħu b'sodisfazzjon iżda jisħaq li fl-ebda ċirkustanza, matul l-evalwazzjoni tas-sanzjonijiet, dawn ma jistgħu jkunu sostitwiti mill-progress tanġibbli u ġenwin bi l-għan li jkunu ssodisfati l-kriterji ta' riferenza;

34. Iqis li l-embargo fuq l-armi impost fuq iċ-Ċina juri l-koerenza u l-konsistenza ta' l-Unjoni, billi dan l-embargo oriġinarjament kien ġie deċiż wara l-massakru ta' Tienanmen fl-1989, u li sa llum l-UE għadha ma rċevitx spjegazzjoni dwar dan il-massakru, u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni biex jitneħħa dan l-embargo;

35. Jistieden lill-formazzjoni « Sanctions » tal-Grupp ta' Kunsilliera għar-Relazzjonijiet Esterni (RELEX/Sanction) sabiex josserva b'mod sħiħ il-mandat tiegħu; jinsisti b'mod partikolari dwar il-ħtieġa li titwettaq riċerka qabel u wara l-adozzjoni ta' sanzjonijiet, sabiex tiġi pprovudta b'mod regolari informazzjoni aġġornata dwar l-iżvilupp tas-sitwazzjoni u li jintużaw l-aħjar prattiki rigward l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta'

miżuri ristrettivi;

36. Jirrikonoxxi li l-istati u kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali għandhom jinżammu responsabbli għal azzjonijiet internazzjonali inkorretti fl-implimentazzjoni ta’ sanzjonijiet u jisħaq f’dan ir-rigward dwar il-ħtieġa ta’ mekkaniżmu ġudizzjarju bil-għan li jiggarantixxi konformità mal-liġi internazzjonali u mal-liġi umanitarja;

37. Jitlob li l-Parlament Ewropew ikun involut fl-istadji kollha tal-proċessi ta’ sanzjonijiet: fil-proċessi ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet dwar l-impożizzjoni ta’ sanzjonijiet, fl-għażla ta’ l-iktar sanzjonijiet xierqa għas-sitwazzjoni, kif ukoll fid-definizzjoni ta’ kriterji ta’ referenza u fl-evalwazzjoni ta’ l-implimentazzjoni tagħhom fi ħdan il-qafas tal-mekkaniżmu ta' reviżjoni u t-tneħħija tas-sanzjonijiet;

***Sanzjonijiet immirati huma iktar effettivi ?***

38. Jiddeplora l-fatt li, minħabba n-nuqqas ta’ evalwazzjoni , huwa impossibbli li wieħed jevalwa l-effikaċja tal-miżuri fil-mira; jirrikonoxxi, madanakollu, it-tħassib umanitarju qawwi ta’ l-Unjoni Ewropea li wassalha biex tabbanduna sanzjonijiet ekonomiċi ġenerali bħal dawk li fil-passat kienet applikat fuq l-Iraq, u minflok timponi sanzjonijiet ‘intelliġenti’ , iktar immirati, maħsuba biex ikollhom impatt massimu fuq dawk li hija tixtieq tinfluwenza l-imġiba tagħhom, filwaqt li tillimita kemm jista’ jkun possibbli l-effetti fuq il-livell umanitarju jew il-konsegwenzi negattivi fuq il-persuni mhux immirati jew fuq il-pajjiżi ġirien;

39. Iqis li s-sanzjonijiet ekonomiċi applikati indipendentement minn strumenti politiċi oħra ftit li xejn huma suxxettibbli li jwasslu lir-reġim immirat biex jagħmel tibdiliet politiċi importanti; jenfasizza barra minn hekk li restrizzjonijiet ekonomiċi estiżi jistgħu jfissru danni ekonomċi u umanitarji kbar eċċessivi u għalhekk jerġa’ jtenni l-appoġġ tiegħu favur sanzjonijiet ekonomiċi mmirati aħjar u maħsuba b’aktar attenzjoni, b’mod li essenzjalment ikollhom impatt fuq il-mexxejja prinċipali tar-reġimi kkonċernati u fuq l-awturi ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

40. Jenfasizza li s-sanzjonijiet ekonomiċi għandhom qabel kollox ikunu mmirati lejn dawk is-setturi li ma jħaddmux ħafna nies u li jkunu ta' rilevanza limitata għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, billi dawn ta' l-aħħar huma importanti kemm għall-iżvilupp ekonomiku kif ukoll għat-tqassim mill-ġdid tad-dħul;

41. Jappoġġja r-rikors għal sanzjonijiet finanzjarji mmirati kontra l-mexxejja ewlenin tar-reġimi fil-mira u l-membri tal-familja immedjata tagħhom, sanzjonijiet li jolqtu direttament id-dħul tal-persuni sanzjonati; jenfasizza l-ħtieġa li dawn is-sanzjonijiet ikunu akkumpanjati minn miżuri xierqa kontra operaturi ekonomiċi ta' l-UE li jikkooperaw ma' persuni bħal dawn; jenfasizza li s-sanzjonijiet immirati fuq prodotti bażiċi u maħsuba għal sors preċiż jew prinċipali tad-dħul tar-reġim qed jirriskjaw li jkollhom effetti aktar profondi u mingħajr diskriminazzjoni fuq il-popolazzjoni u jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta’ “ekonomija sewda”;

42. Iqis li sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, anke meta dawn ikunu immirati, għandhom ikunu applikati mill-persuni fiżiċi u l-persuni legali kollha li jiżvolġu attivitajiet kummerċjali fl-UE, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi u ċittadini ta' l-UE jew persuni legali reġistrati jew stabbiliti skond il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ta' l-UE li jiżvolġu attivitajiet kummerċjali barra mill-UE;

43. Jitlob li jkun hemm l-applikazzjoni limitata ta’ l-“eżenzjonijiet straordinarji" għall-iffriżar ta’ l-assi; jixtieq li tinħoloq proċedura speċifika għall-oġġezzjonijiet fil-każ meta Stat Membru jkun jixtieq jagħti eżenzjoni għall-iffriżar ta’ l-assi, minħabba li l-effiċjenza tal-miżura ristrettiva hija mxekkla min-nuqqas ta’ proċedura bħal din minħabba li l-Istati Membri huma meħtieġa biss li jinfurmaw minn qabel lill-Kummissjoni dwar din it-tip ta’ eżenzjoni;

44. Jitlob li jkun hemm azzjoni biex titjieb l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet finanzjarji mmirati ta’ l-Unjoni Ewropea sabiex ikun garantit li, fil-prattika, dawn is-sanzjonijiet iċaħħdu kompletament lill-persuni u lill-entitajiet immirati milli jkollhom aċċess għas-servizzi finanzjarji kollha relevanti għall-ġurisdizzjoni tal-Komunità, inklużi dawk li jgħaddu mill-banek ta’ kumpens ta’ l-Unjoni jew milli jagħmlu użu mod ieħor mis-servizzi finanzjarji interni ta’ l-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm aktar flessibilità fit-tqassim ta' listi ta' sanzjonijiet ġewwa l-UE u fl-Istati Membri lill-persuni kollha milquta mill-obbligi stipulati mit-Tielet Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus[1]; jipproponi li kull Stat Membru jinnomina istituzzjoni li tkun responsabbli biex ixxerred din l-informazzjoni;

45. Jitlob li jkun hemm koperazzjoni msaħħa mill-Kunsill u mill-Kummissjoni mal-maniġment tas-SWIFT u ma' l-azzjonisti Ewropej sabiex jinkisbu riżultati aħjar fl-iffriżar ta' kontijiet fuq il-lista s-sewda u l-eliminazzjoni ta' trasferimenti ta' flus minn/għal kontijiet bħal dawn;

46. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinvestigaw il-possibilitajiet u l-metodi biex jintuża b’mod kostruttiv id-dħul friżat ta’ awtoritajiet immirati, pereżempju billi d-dħul ikun allokat għall-vittmi ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jew għal skopijiet ta’ żvilupp fi ħdan l-qafas tal-Kapitolu VII tal-Karta tan-NU;

47. Jiġbed l-attenzjoni li l-embargoes huma forma ta’ sanzjoni maħsuba biex twaqqaf il-fluss ta’ armi u ta’ tgħamir militari f’żoni fejn hemm kunflitt jew għal reġimi li probbabilment jużawhom għar-ripressjoni interna jew għal aggressjoni kontra pajjiż barrani kif stipulat fil-Kodiċi ta’ Kondotta dwar l-esportazzjonijiet ta’ l-armi;

48. Jitlob li jkun hemm koperazzjoni kkoordinata bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta’ l-embargoes ta’ l-armi ta’ l-UE li huma applikati minn kull Stat Membru;

49. Jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw pożizzjoni komuni dwar l-esportazzjonijiet ta’ l-armi li tagħmel il-Kodiċi ta’ Kondotta dwar l-esportazzjonijiet ta' l-armi attwali wieħed li jorbot legalment;

50. Iħeġġeġ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jaħdmu għat-titjib tal-kapaċitajiet ta’ monitoraġġ u infurzar tan-NU u jappoġġja l-opinjoni li għandu jkun stabbilit tim permanenti tan-NU biex jevalwa l-kummerċ ta’ prodotti bażiċi kunflinġenti u l-valur tas-sanzjonijiet relatati magħhom;

51. Ifakkar li restrizzjonijiet ta' ammissjoni (projbizzjonijiet ta' vjaġġar, projbizzjonijiet ta' visas) jikkostitwixxu wieħed mill-passi inizjali fis-sekwenza ta' sanzjonijiet ta' l-UE,

[1] Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).

inkluż il-projbizzjoni ta' persuni fuq il-lista s-sewda jew ta' entitajiet mhux ta' l-Istat milli jattendu laqgħat uffiċjali ta' l-UE u anke milli jivjaġġaw lejn l-UE għal raġunijiet privati;

52. Jinnota bi tħassib li l-Istati Membri ma osservawx b'mod sħiħ il-projbizzjonijiet ta' visas fl-UE; jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw approċċ miftiehem fl-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet ta' l-ivjaġġar u l-klawsoli ta' eżenzjoni relevanti;

***Rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet immirati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu***

53. Iqis il-fatt li s-sanzjonijiet awtonomi kontra t-terroriżmu ta' l-UE u l-implimentazzjoni ta' l-UE tas-sanzjonijiet kontra t-terroriżmu tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijet Uniti huma s-suġġett ta' diversi każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti ta' Prim' Istanza;

54. Ifakkar fl-obbligazzjoni ta' l-Istati Membri biex ifasslu sanzjonijiet skond l-Artikolu 6(2) tat-TEU, li jirrikjedi li l-Unjoni tirrispetta d-drittijiet fondamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni fl-Istati Membri; jenfasizza li l-proċeduri attwali għall-elenkar ta' listi suwed (blacklisting) kemm fil-livell ta' l-UE u kemm fil-livell tan-NU huma neqsin mill-perspettiva ta' sigurtà legali u minn rimedji legali;iħeġġeġ lill-Kunsill biex jagħmel il-konklużjonijiet kollha meħtieġa u biex japplika b'mod sħiħ id-deċiżjonijiet finali mogħtija mill-Qorti tal-Prim Istanza f'dak li jirrigwarda s-sanzjonijiet awtonomi tal-UE f'dan il-qasam;

55. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jirrevedu il-proċedura eżistenti għall-kumplikazzjoni tal-listi s-suwed u għat-tneħħija minn fuq il-listi, sabiex ikunu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u primarjament standards internazzjonali fir-rigward tal-kisba ta' rimedju effettiv quddiem entità indipendenti u imparzjali inkluż id-dritt għal proċeduri legali ġusti, li jimplika d-dritt ta' notifika u tagħrif adegwat dwar l-akkużi mressqa kontra l-individwu jew l-entità kkonċernata u tad-deċiżjonijiet meħuda kif ukoll tad-dritt ta' kumpens għal kull vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jippromwovu din ir-reviżjoni fil-mekkaniżmi tan-NU sabiex ikun żgurat rispett tad-drittijiet fundamentali meta jkunu applikati sanzjonijiet immirati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

56. Iqis li l-Artikolu 75 tat-Trattat tat-TFEU jkun opportunità li l-Parlament Ewropew għandu jaħtaf biex jirrimedja n-nuqqasijiet tal-prattika attwali rigward l-inklużjoni ta' ismijiet fil-listi s-suwed u jappoġġja l-ħidmiet parlamentari li għaddejjin bħalissa maħsuba biex ikunu inklużi fl-aġenda tal-programm leġiżlattiv għall-2009;

57. Jesprimi dispjaċir li l-ebda waħda mill-entitajiet ġudizzjarji ma hija f'pożizzjoni li tevalwa kemm il-listi s-suwed huma xierqa minħabba li l-evidenza li twassal għall-elenkar ta' listi suwed hija bbażata fuq tagħrif miżmum mis-servizzi sigrieti, li *ipso facto* joperaw b'mod sigriet; madankollu, iqis li din id-diskrezzjoni fundamentali m'għandhiex tiġi trasformata f'impunità f'każijiet fejn ikun hemm ksur tal-liġi internazzjonali; jistieden f'dan ir-rigward lill-Istati Membri biex jippermettu kontroll parlamentari effettiv fuq ix-xogħol tas-servizzi sigrieti; iqis li f'dan ir-rigward jinħtieġ li l-Parlament Ewropew jiġi assoċjat max-xogħol li twettaq il-Konferenza tal-Kumitati ta' Superviżjoni ta' l-Entitajiet ta' Intelliġenza ta' l-Istati Membri li diġà hija implimentata;

58. Itenni madankollu li s-sistema ta' listi antiterroristiċi, sakemm tirrispetta l-każistika reċenti stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija strument effiċjenti tal-politika għal kontra t-terroriżmu ta' l-Unjoni Ewropea;

59. Jisħaq li t-terroriżmu huwa theddida għas-sikurezza u l-libertà u għalhekk iħeġġeġ lill-Kunsill jirrevedi u jaġġorna l-lista ta' organizzazzjonijiet terrositiċi, hekk li jqis l-attivitajiet tagħhom fil-kontinenti kollha;

***Politika dwar is-sanzjonijiet varjata***

60. Jinnota li l-UE dejjem ippromwoviet approċċ pożittiv lejn l-użu tas-sanzjonijiet bil-għan li tinkoraġġixxi l-bidla; jisħaq, għal dan il-għan, huwa importanti li tingħata prijorità lil azzjoni globali integrata permezz ta' strateġija progressiva ta' pressjonijiet u inċentivi;

61. Iqis li strateġija miftuħa u politika ta’ sanzjonijiet ma jeskludux waħda lill-oħra; huwa tal-fehma għalhekk li l-politika ta' sanzjonijiet ta' l-UE tista' tgħin biex ittejjeb ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi milquta b'sanzjonijiet meta jiġu riveduti għall-iskop preċiż li tiġi introdotta politika ta' azzjoni pożittiva; f'dan ir-rigward dan jinnota ċ-ċiklu ta' sanzjonijiet imposti fuq l-Użbekistan minn Novembru 2007 sa April 2008: filwaqt li s-sanzjonijiet imposti ssuktaw għal sena oħra minħabba li naqsu milli jissodisfaw il-kriterji inizjali rigward l-investigazzjonijiet dwar il-massakru Andijan u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-Kunsill iddeċieda li jissospendi l-implimentazzjoni tal-projbizzjoni tal-visas, li ħalliet lill-gvern ta’ l-Użbekistan sitt xhur biex jissodisfaw sett ta’ kriterji tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li baqgħet preżenti t-theddida li awtomatikament terġa’ tkun stabbilita l-projbizzjoni tal-visas; jinnota li t-taħlita ta’ impenji u sanzjonijiet produċiet xi żviluppi pożittivi grazzi għall-possibilità awtomatika li terġa tkun stabbilita l-projbizzjoni tal-visas; jenfasizza li dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kapaċi li jkunu ssodisfati f’perjodu ta’ żmien limitat u relevanti għar-reġim ta’ sanzjoni ġenerali; jiddispjaċih madankollu li ma kien għad hemm ebda żviluppi pożittivi sostanzjali u li n-nuqqas ta' koperazzjoni mal-Gvern ta' Użbek qed ikompli;

62. Jitlob immedjatament li s-sanzjonijiet ikunu sistematikament akkumpanjati, fil-qafas ta’ strateġija multi-fold, minn miżuri pożittivi msaħħa li jappoġġjaw lis-soċjetà ċivili, li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u kull tip ta’ proġett li jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jitlob li l-programi u l-istrumenti tematiċi (EIDHR[1], non-state actors, investing in people), jikkontribwixxu b’mod sħiħ għat-twettiq ta’ dan l-objettiv;

63. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jaħtfu l-opportunità prevista mir-ratifika tat-Trattat ta’ Liżbona u mill-ħolqien sussegwenti tas-Servizz Ewropew għal Azzjoni Esterna sabiex jiggarantixxu minimu ta’ konsistenza fil-varji strumenti ta’ azzjoni esterna ta’ l-UE bħala element ewlieni sabiex il-politika ta’ sanzjonijiet ta' l-UE tkompli ssir effiċjenti;

***Rakkomandazzjonijiet relatati ma’ l-istituzzjonijiet ta’ l-UE u ma’ l-Istati Membri***

64. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu evalwazzjoni komprensiva u ddettaljata tal-politika ta' sanzjonijiet ta' l-UE biex jiġi determinat x'influwenza din

[1] Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta’ strument ta’ finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (*ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1).*

għandha u x'miżuri jistgħu jittieħdu biex tissaħħaħ; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jissottomettu program għal miżuri bħal dawn; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jevalwaw l-impatt ta' sanzjonijiet fuq il-politika ta' żvilupp tal-pajjiżi taħt eżami u fuq il-politika kummerċjali ta' l-UE;

65. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-istrateġiji ta' l-assistenza għall-iżvilupp skond l-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ikunu konsistenti mas-sistemi eżistenti tas-sanzjonijiet u mad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-baġit ġenerali, fosthom dawk skond il-'kuntratti ta' l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp għall-Millennju', ikunu marbuta b'mod espliċitu mad-drittijiet tal-bniedem u mal-kriterji tad-demokrazija;

66. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu vantaġġ mill-opportunità offruta mir-ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona, il-ħatra ta' Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà – li fl-istess ħin se jkun Viċi-President tal-Kummissjoni u jippresiedi l-Kunsill għall-Affarijiet Barranin – u l-ħolqien sussegwenti tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna sabiex l-azzjoni esterna ta' l-UE ssir aktar koerenti u konsistenti, biex titjieb il-ħila esperta tas-servizzi relevanti ta' l-UE li jaħdmu fl-oqsma tas-sanzjonijiet u biex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn is-servizzi differenti;

67. Jitlob fl-istess ħin li jkun hemm koperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex tkun żgurata implimentazzjoni iktar koerenti u effettiva tal-miżuri ristrettivi;

68. Jistieden ukoll lil dawk l-Istati Membri li huma membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU b'mod sistematiku sabiex ifittxu li jpoġġu s-sanzjonijiet maħruġa mill-Unjoni Ewropea f'livell internazzjonali skond l-Artikolu 19 tat-TEU;

69. Jistieden lill-Istati Membri, fl-azzjonijiet tagħhom fi ħdan il-Kunsill għas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, sabiex ma jiksur obbligi ta' drittijiet tal-bniedem li jkunu daħlu għalihom, b'mod partikolari fi ħdan il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

70. Jimpenja lill-entitajiet parlamentari tiegħu, u b'mod speċjali lid-delegazzjonijiet permanenti u ad hoc, sabiex jutilizzaw il-kuntatti mal-parlamenti tal-pajjiżi li ma jaqblux mas-sanzjonijiet biex ifiehmu aħjar is-sistemi eżistenti ta' sanzjonijiet ta' l-UE li jkunu rilevanti għar-reġjun ikkonċernat u biex jeżaminaw il-possibilitajiet ta' azzjoni kkoordinata għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

71. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi netwerk ta' esperti indipendenti li jkun inkarigat li jipproponi skond il-bżonn lill-Kunsill, il-miżuri ristrettivi l-iktar pertinenti u li jagħmel rapport regolari dwar l-iżvilupp tas-sitwazzjoni rigward il-kriterji ta' referenza u tal-objettivi stabbiliti u biex meta jkun hemm bżonn, jissuġġerixxi t-titjib li għandu jsir għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet; iqis li t-twaqqif ta' dan in-netwerk se jtejjeb it-trasparenza u d-diskussjonijiet dwar sanzjonijiet ġenerali u se jsaħħaħ ukoll l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ kontinwu ta' sanzjonijiet f'każijiet partikolari; iqis fl-istess ħin li l-Kummissjoni għandu jkollha rwol aktar proattiv fid-definizzjoni ta' politika ċara tal-UE dwar is-sanzjonijiet;

72. Iqis li l-leġittimità tal-politika ta' sanzjonijiet li tikkostitwixxi element ewlieni u sensibbli tas-CFSP, għandha tkun imsaħħa mill-involviment tal-Parlament fl-istadji kollha tal-

proċedura skond l-Artikolu 21 tat-Trattat KE, b'mod partikolari fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet fil-forma ta' konsultazzjoni sistematika ma' u rapporti regolari mill-Kummissjoni u l-Kunsill u min-netwerk ta' esperti indipendenti;; iqis ukoll li l-Parlament għandu jkun involut ukoll fis-superviżjoni ta' l-osservazzjoni tal-kriterji ta' riferenza minn dawk li huma suġġetti għal sanzjonijiet; jitlob lis-sotto-kumitat tad-drittijiet tal-bniedem biex jissistematizza u jissuperviżjona l-ħidmiet f'dan il-qasam għal kull sanzjoni li l-objettivi u l-kriterji ta' riferenza tagħha jikkonċerna d-drittijiet tal-bniedem;

o

o o

73. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill ta' l-Ewropa.